# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Tonio Micallef**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Tonio Micallef** ID549274M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli nhar 12.11.2015 għal ħabta ta 08:00 ġewwa Triq il-Pelikani, Ħal-Tarxien bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas mill-ġieh ta' Carmel Debono, weġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi stante li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx dan il-każ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kontestata lilu.

# *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi wara li rat l-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***